Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13632/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0809(CNS)

DAPIX 328
CRIMORG 137
ENFOPOL 517
ENFOCUSTOM 211
JAI 1057

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9098/18; 11282/18 |
| Suġġett: | Deċiżjonijiet ta' Prüm - DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI dwar it-tnedija fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA |

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-**25 ta' Ġunju 2018**, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva r-rapport taż-żjara ta' evalwazzjoni rigward l-iskambju ta' data dwar id-DNA għall-Irlanda (9097/18 DAPIX 146 CRIMORG 73 ENFOPOL 252 ENFOCUSTOM 110 JAI 499) kif ukoll ir-rapport ġenerali (9098/18 DAPIX 147 CRIMORG 74 ENFOPOL 253 ENFOCUSTOM 109 JAI 498) bbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota.

2. Fil-laqgħa tad-DAPIX tal-**25 ta' Ġunju 2018**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet ta' skambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA, **l-Irlanda** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fis-**16 ta' Lulju 2018** il-Kunsill adotta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw **l-Irlanda** fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA (11228/18 DAPIX 239 CRIMORG 104 ENFOPOL 389 ENFOCUSTOM 161 JAI 783).

4. Kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-**3 ta' Awwissu 2018** il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA fl-**Irlanda**, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11282/18 (DAPIX 243 CRIMORG 107 ENFOPOL 393 ENFOCUSTOM 164 JAI 790).

5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-**24 ta' Ottubru 2018**.

*6. Abbażi ta' dan, il-COREPER qed jintalab*

– *jippreżenta r-rapport ġenerali* (9098/18 DAPIX 147 CRIMORG 74 ENFOPOL 253 ENFOCUSTOM 109 JAI 498) *lill-Kunsill, u*

– *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA fl-Irlanda* (11282/18 DAPIX 243 CRIMORG 107 ENFOPOL 393 ENFOCUSTOM 164 JAI 790).